SANTA LUĊIJA

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 29-17**

**23 ta' Mejju 2017**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fl-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Liam Sciberras
Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**29.1.1** Is-Sindku qara l-ittri tal-appoloġija tal-Kunsillieri Liam Sciberras u Caroline Galea.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**29.2.1 Proġett 2WILL**
Is-Sindku rrefera għall-minuta' 28.10 u staqsa dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Proġett 2WILL. Il-Kunsillier Joe Bonello li ħa sehem f'dan l-ewwel avveniment ta' dan il-proġett tkellem fid-dettal dwar l-andament ta'din l-ewwel fażi tal-proġett li għaliha kien attenda hu flimkien mal-Kunsillier Liam Sciberras.

**29.2.2 *Video* Mużikali fi Ġnien is-Serenita'**
Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 28.2.3 u staqsa jekk kienx sar il-ħlas dovut skond il-Bye-Laws ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarju ikkonfermat li sar il-ħlas.

**29.3 Affarijiet Finanżjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**29.3.1 Approvazzjoni għall-Xiri**
Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' bins għal-Latrini Pubbliċi għal prezz ta' €48.50+Vat 'il waħda.

**29.3.2 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**
Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 29-17 għall-perjodu bejn it-3 ta' April 2017 sat-8 ta' Mejju 2017 u minn *cheque* numru BOV6690 sa numru BOV6741.

**29.4 Sejħa għall-Kwotazzjonijiet SLLC Q(57-17-01) xiri ta' *Computers***
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-*Evaluation Report* għas-sejħa hawn fuq imsemmija flimkien mal-Minuti tal-ftuħ tal-offerti mitfugħa għal din is-sejħa. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dawn l-offerti fil-laqgħa li jmiss u li sa dak inhar għandha tinġib konferma teknika tal-orħos offerti mitfuha.

**29.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**29.5.1** Il-laqgħa intemmet fil-5.15p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2017 fl-4.30p.m.

Konfermati, illum il-Ġimgħa, 23 ta' Ġunju 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Terrence Ellul**<br>**Sindku** | **Caroline Silvio**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |